# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 4: Jitwieled għalina**

**Lezzjoni 4.6: Fittxewh biex joqtluh**

**L-Għanijiet:**



L-istudenti:

1. Jitgħallmu mill-imġiba ta' Marija u Ġużeppi f'din il-grajja.
2. Jirriflettu dwar il-mod ta' kif Erodi ħares lejn it-twelid ta' Ġesù.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- stampi kkuluriti ta' Ġuzeppi, Marija u Erodi.
- ppt: Erodi - Guzeppi u Marija
- Musical: http://www.youtube.com/watch?v=6VhqnfZpuU8
- Karti Addizzjonali
- Craft: A pigeon mobile



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Uri l-istampi ta' Ġużeppi u Marija fuq il-board.
- Staqsi lill-istudenti din il-mistoqsija: Kif taħseb li laqgħu t-tħabbira tat-twelid ta' Ġesù mingħand l-Anġlu Gabriel, Ġużeppi u Marija? Wara li l-istudenti jagħtu l-ideat tagħhom spjega kif wara li kellmu l-Anġlu t'Alla fil-ħolm, Ġużeppi wieġeb 'iva'. Marija kellimha l-Anġlu Gabriele u wieġbet 'iva'.



- Mill-banda l-oħra Erodi, li kien ir-re dak iż-żmien, ma tantx ħa gost. Sema' li twieled re ieħor mingħand tliet slaten Maġi u hu ħaseb li dan tal-aħħar se jkun aktar maħbub min-nies ta' Betlem u joħodlu t-tron.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)



- Spjega kif Ġużeppi u Marija kienu magħżulin minn Alla.
- Iddiskuti dwar x'għamlu dawn fit-twelid ta' Ġesù. Jaraw kemm batew biex sabu post fejn jistrieħu. Marija ma kellhiex xi tlibbsu lil Ġesù ħlief xi biċċiet biex tgħattih. Il-kesħa u l-għajja li ħassew. Kollox wettqu għal binhom. Ġużeppi u Marija emmnu fil-Kelma tal-Mulej u għexuha. Emmnu li l-Pjan Divin seta' jseħħ jekk kienu se jgħidu 'iva'. Fl-għajnejn ta' dawk li kienu jgħixu f'Betlem, Nazaret u Ġerusalemm, Ġużeppi u Marija kienu missier u omm Ġesù. Dan kien jafu, għax emmnu li kienu msejħin .
- Uri: Musical ppt:4.6 - Erodi- Guzeppi u Marija.
- Erodi: Dan kien ir-re f'Betlem. Meta ġew tliet slaten mil-Lvant u qalulu bit-twelid ta' Ġesu' tħawwad hu u Ġerusalem kollha.

Ġabar flimkien il-qassissin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu u ried ikun jaf mingħandhom fejn kellu jitwieled il-Messija. Erodi mbagħad qal lis-slaten li meta jsibuh jiġu jgħidulu fejn qiegħed. Bagħat is-suldati biex ifftxuh biex joqtluh.

Spjega lill-istudenti d-differenzi. Waqt li Marija u Ġużeppi laqgħuh bil-ferħa, Erodi ried ifittxu biex joqtlu.

Fehemhom li hekk jiġri fil-ħajja tagħna. Hawn min jilqa' s-sejħa tal-Mulej waqt li oħrajn jisimgħuh u ma jagħtux kasu. Il-Mulej ġie għal kulħadd. Nisimgħuh.

Iffoka fuq l-imġiba tal-personaġġi. Imbagħad għin lill-istudenti jifhmu d-differenza tal-imġiba tagħhom.

Tkellem mal-istudenti dwar is-sbuħija tal-'iva' li qalu. Iffoka fuq li lanqas il-Milied ta' Ġesù ma kien ferrieħ, għalkemm kien hemm id-dawl u l-kant tal-anġli. Ġużeppi u Marija waslu Betlem bi tbatija wara mixja twila. Min-naħa tagħna, jekk nsibu ruħna mwarrbin ukoll f'dan iż-żmien tal-Milied, nagħmlu l-qalb għax il-Milied huwa l-festa tal-aqwa emarġinat: Ġesù. Lil Ġesù wkoll, injorawh, … ma tawx kasu. Ejjew aħna nagħtu kas ta' min hu mwarrab. Hawn min jibgħat kartolina lil min ma jirċievi kartolini mingħand ħadd. Ġest żgħir imma sabiħ. Kulħadd jista' jsib metodu kif iferraħ xi ftit lill-oħrajn.

Meta f'dan iż-żmien sabiħ tgħaddi b'basket mimli rigali,… meta fuq il-mejda tifraħ b'ikel u xorb aktar mis-soltu,… meta tkun mal-ħbieb f'xi party tal-Milied, … naħsbu ftit fil-fqajra Marija, fil-mastrudaxxa Ġużeppi u fit-tarbija tagħhom. Jekk inħossu xi jċanfarna, naraw fiex nistgħu nixbhuhom, … għax mingħajrhom m'hemmx Milied! Ġesù, imma, kien imgeżwer fiċ-ċraret. Fil-Milied, jintefqu ħafna flus … Ġesù, imma, twieled fqir. Fil-Milied, l-imħabba tiġi mkejla fuq kemm jiswa r-rigal… imma, Ġesù tana lilu nnifsu b'xejn.

Il-ħajja ta' Ġesù turina li kull darba li ried juri l-imħabba tiegħu, ġie miċħud mill-bnedmin. Qabel twieled il-ġenituri tiegħu talbu biss kenn li ma ngħatawx. F'kull Milied Ġesù jiġi bħala tifel ċkejken, dgħajjef, jeħtieġ kollox, nieqes mill-imħabba ta' ħafna. Aħna lesti li ndaħħluh għandna? Jekk Marija u Ġużeppi għadhom issa stess ifittxu post ta' kenn għal Ġesù, jagħżlu d-dar tagħna b'dak kollu li hemm fiha? Isib il-paċi fid-dar tagċna? Irridu nagħmlu l-familja tagħna ċentru ta' ftehim, ta' maħfra bla limiti, biex il-paċi li tibda' mid-dar tagħna tasal għand l-oħrajn, tant fil-qrib kif ukoll 'il bogħod minna.

Nibdew mid-dar tagħna, mill-familja tagħna u nagħmluha Nazaret oħra, fejn isaltnu l-imħabba, il-paċi, il-ferħ u l-għaqda, għax l-imħabba tibda fil-familja.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġużeppi u Marija  jispirawna fil-mod kif aħna lkoll ngħixu l-fidi tagħna!

2. Erodi jurina l-għatx kbir għall-poter tat-tron, li għalih kien aqwa minn kollox u minn kulħadd anke sa wasal biex joqtol lit-tfal innoċenti.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




Niftakru kif Marija u Ġużeppi kienu dejjem lesti li jagħmlu r-Rieda ta' Alla, fis-silenzju. Ladarba rċivew l-missjoni tagħhom, huma temmewha b'responsabbiltà sewwa. Is-silenzju tagħhom jimmarka t-tip ta' missjoni speċjali li kellhom: ħajja mgħixa b'fidi kostanti f'Alla. Mill-banda l-oħra naraw li Erodi ma fehemx x'ried Alla minnu u ma laqgħux lil Ġesu'.Għalhekk qered lit-tfal ta' taħt is-sentejn. Hu ried ifittxu biex joqtlu.

**Ejja naraw x'hawn bżonn isir madwaarna u nagħmluh bil-qalb.**

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Guzeppi u Marija Musical:

http://www.youtube.com/watch?v=6VhqnfZpuU8



**Nitolbu**

**Ġesù, twieled fija ħalli nkunu nista' narak f'dawk ta' madwari**

